**330. L-Onor Franco Debono MP jipproponi:**

Peress illi l-Gvern immexxi mill-Onor Lawrence Gonzi illum iddeġenera f'koalizzjoni ma' deputat tiegħu stess illi rriżenja mill-Partit, xhur ilu, u peress illi deputat ieħor qiegħed jesprimi riservi serjissimi dwar l-appoġġ tiegħu fil-konfront tal-Gvern, u peress illi dan il-pajjiż ilu għal dawn l-aħħar xhur f'burdata ta' kampanja elettorali u allura l-Gvern għandu jirrispetta din ir-realtà meta jinnegozja ma' terzi;

Peress illi d-dekasteru tas-Saħħa taħt it-tmexxija tal-Ministru Joe Cassar u s-Segretarju Parlamentari Mario Galea ilu snin suġġett ta' kritika ħarxa kull ġurnata bi stejjer fil-ġurnali, għadab minn pazjenti kif ukoll familjari tagħhom u saħansitra konsulenti ewlenin ta' integrità u professjonalità magħrufa;

Peress illi l-*mismanagement* grossolan fid-dekasteru tas-Saħħa jinkludi, iżda mhux biss, nuqqas totali ta viżjoni u strateġija ħolistika u *long term*, nuqqas ta' mediċini minn żmien għal żmien, problemi ta' *waiting lists* b'soluzzjonijiet proposti dibattibbli għall-aħħar, problema stratosferika fid-dipartiment tal-emerġenza, pazjenti fil-kuriduri tal-isptar għal snin sħaħ, stat diżastruż u kompletament inaċċettabli fil-qasam tal-ambulanzi;

Peress illi b'mod ġenerali l-persuna li toħloq problemi bil-*mismanagement* tagħha m'għandiex tkun hi l-istess persuna li tiġi fdata u inkarigata tirrimedja l-istat ta' fatt maħluq mill-*mismanagement* tagħha stess;

Peress illi qatt ma nġab quddiem dan il-Parlament informazzjoni dettaljata u suffiċjenti dwar negozjar mas-sidien tal-lsptar St. Philips dwar l-akkwist, b'xi titolu ikun li jkun tal-istess Sptar u peress illi kien qed jiġi mħabbar fil-mezzi tax-xandir dan in-negozjar jirrigwarda madwar tnax-il miljun ewro fuq perjodu ta' xi snin;

Peress illi dan kollu qed isir lejlet elezzjoni ġenerali u f'nofs sentiment qawwi ta' kampanja elettorali u dan jista' jitfa' ċerti suspetti f'moħħ il-poplu li din jista' jkun xi mossa dettata minn esiġenzi elettorali, aktar milli mill-interess nazzjonali, u dan b'ammont sostanzjali u bi flus il-poplu, u illi f'kull każ dan jista' jkun qed jorbot amministrazzjonijiet futuri;

Peress illi n-nuqqas ta' viżjoni fil-qasam tas-Saħħa huwa manifestat fil-fatt illi mhux biss dan l-akkwist b'xi titolu li jkun qed isir biss erba' snin wara li nfetaħ sptar ġdid, li sewa miljuni kbar u dam jinbena aktar minn ħmistax-il sena, iżda talli dina l-allegata soluzzjoni, illi wieħed għad irid jara, meta tkun fornita l-informazzjoni kollha, kemm hija l-aħjar waħda u liema alternattivi ġew espolorati, qed tiġi implimentata biss lejlet l-elezzjoni ġenerali u propju f'nofs klima qalila ta' kampanja elettorali u peress illi minkejja diversi sejħiet mill-GRECO, Malta hija wieħed minn żewġ pajjiżi fl-Ewropa kollha illi m'għandiex leġislazzjoni dwar il-finanzjament tal-partiti Politiċi;

Peress illi dan il-Parlament qatt ma ġie nfurmat formalment b'dan il-proċess ta' negozjar u peress illi mhux magħruf jekk l-Awditur Ġenerali jew il-*House Business Committe* ħadux konjizzjoni ta' dan il-proċess u x'kienet l-opinjoni tagħhom dwar dan;

Peress illi kif ġie ritenut fir-*ruling* tal-iSpeaker ta' din il-ġimgħa stess, in- nuqqas ta' riformi Parlamentari fl-aħħar snin, inkluż emendi ħolistiċi tal-i*Standing Orders,* qed jippreċipitaw sitwazzjoni perikoluża fejn il-gvern jitpoġġa l'fuq minn dan il-Parlament, minflok illi jpoġġih f'pożizzjoni illi f'kull ħin jagħti rendikont ta' għemilu lil dan il-Parlament u dan bi ksur tal-prinċipji kostituzzjonali tas-supremazija tal-Parlament u s-separazzjoni tal-poteri;

Peress illi dan l-istat ta' fatt ta' nuqqas ta' riformi urġent u essenzjali tal-istituzzjoni u l-proċedura Parlamentari, inkluż tal-i*Standing Orders* hija kundannabbli;

Għaldaqstant din il-Kamra għandha tirrisolvi :

1) illi teżisti ħtieġa impellenti sabiex l-i*Standing Orders* ta' dan il-Parlament, li ilhom snin twal ma jiġu emendati b'mod ħolistiku jiġu radikalment riformati, sabiex jirriflettu r-realtajiet ta' Parlament modern fi stat membru tal-Unjoni Ewropea, u illi jiġi assigurat id-drittijiet ta' minoranzi f'dan il-Parlament u ta' membri individwali, inkluż fid-diskussjoni ta' mozzjonijiet bħal din, u peress illi fil-preżent, anke kif jirriżulta minn *ruling* riċenti tal-iSpeaker, teżisti sitwazzjoni perikoluża fil-preżent, fejn Gvern, anke jekk ma jkunx igawdi maġġoranza jista' jibqa' jimblokka d-diskussjoni ta' materja imbarazzanti għalih għal xhur jew snin, u dan bi ksur lampanti u bi preġudizzju qawwi għall-prinċipju ta' supremazija tal-Parlament;

2) illi l-proċess ta' negozjar dwar l-akkwist u l-akkwist b'xi titolu li jkun tal-Isptar St Philips għandu jitwaqqaf immedjatament, u minnufih dan il-proċess għandu jkun skrutinat u eżaminat dettaljatament mill-Awditur Ġenerali u/jew mill-Kumitat dwar Kontijiet Pubbliċi ta' dan il-Parlament u illi dan il-Parlament għandu jkollu quddiemu u għad-disposizzjoni tiegħu l-informazzjoni kollha rilevanti, sabiex ikun f'posizzjoni illi jagħmel eżerċizzju ta' skrutinju fuq l-operat tal-eżekuttiv kif għandu dover illi jagħmel, u dan in linea mal-prinċipju kostituzzjonali tas-supremazija tal-Parlament u s-separazzjoni tal-poteri, u illi dan il-Parlament għandu jiddeċiedi jekk japprovax jew jiċċensurax tali negozjar u akkwist;

3) illi b'mod ġenerali dan il-pajjiż għandu bżonn, anke in linea mal-pożizzjoni legali f'pajjiżi oħra, mhux biss riforma kostituzzjonali radikali illi ssaħħaħ l-istituzzjoni tal-Parlament fil-funzjoni tiegħu ta' organu li jiskrutinja l-Gvern, iżda wkoll il-bżonn ta' leġislazzjoni li tirregola l-operat tal-Gvern fl-aħħar xhur ta' leġislatura, sabiex jiġu evitati kemm l-abbużi kif ukoll l-impressjoni ta' tali abbużi;

4) illi għandha tiġi diskussa bla dewmien l-Abbozz ta' Liġi dwar il-Partiti Politiċi u l-Finanzjament tal-Partiti Politiċi, li ġie preżentat quddiem dan il-Parlament f'Jannar li għadda u għadu qatt ma ttella' għad-diskussjoni, peress ukoll illi tenut kont tan-nuqqas kważi assolut ta' regolamentazzjoni tal-Partiti Politiċi, qegħda tingħata l-impressjoni illi l-partiti politiċi huma 'l fuq mill-Liġi, u dan qed jagħti lok għal nuqqas kbir ta' trasparenza.

10.10.12